MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
REFALO JOSEPH S.**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1691/2002

**Maruti Motors Limited**

**vs**

**Svetlana Magri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm1382.16), dovuti skond wiehed u ghoxrin kambjala li gew ffirmati minnha u li kollha skadew izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li giet diversi drabi nterpellata, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' dicembru, 2001 u tal-parir (Lm12.00) kontra l-konvenuta u bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-**

**data ta' kull skadenza, bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Settembru, 2002, li biha irriduciet t-talba ghas-somma ta' elf mitejn u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1272.00) billi sar pagament fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(a) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm1272.00), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita` ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru, 2001, pero` eskluzi it-tnax-il lira tal-parir (Lm12.00), ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**